MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2014

Numru. 116/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**JOHN FARRUGIA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **John Farrugia ta’ 46 sena iben Anthony u Gloria nee’ Bugeja, imwieled sliema nhar is-6 ta’ Gunju 1965, u residenti House 128, Triq Manwel Dimech Sliema, detentur tal-karta tal-identita` numru 279765M,** akkuzat talli:

1. Nhar it-18 ta' Novembru 2011, ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu gewwa l-ghassa ta' Sliema bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil WPC 186 D.Tabone, PC1188 Paul Cassar, PC 243 Clayton Frendo, PC 336 Francesco Imbroll u WPS 215 Valerie Farrugia biza li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza, jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, u cioe ufficjali tal-Pulizija, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 243 Clayton Frendo u dan skond kif iccertifikat minn Dr. JP Tabone M.D. (med. Reg. No. 1460); PC 336 Francesco Imbroll u dan skond kif iccertifikat minn Dr. JP Tabone M.D. (med. Reg. No.1460) u PC 1188 Paul Cassar u dan ukoll kif iccertifikat minn Dr. JP. Tabone M.D. (med. Reg. No.1460);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' xi wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixxklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu.

5. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamilt hsara lil xi persuna jew persuni quddiem awtorita` kompetenti b'reat, filwat li jaf li dik il-persuna hija innocenti ghall-fatt biss li jkun akkuzaha;

7. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' xi hadd wegghajtu bi kliem, gesti, b'kitba, disinji u/jew b'xi mod iehor;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi denunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt it-tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex tazgura li r-reat sar;

Din l-Onorabbli Qorti qed tigi gentilment mitluba illi tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' WPC 186, PC 1188, Pc 243, u PC 336, kif ukoll ordni ta' trattament fil-konfront ta' John Farrugia u dan skond kif hemm mahsub fl-artikoli 412 (c) u 412 (d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija fuq il-pedana tax-xhieda quddiem il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi dan il-kaz kellu l-bidu tieghu nhar it-18 ta' Novemrbu 2011 ghall-habta tas-02:00am. Dahlet telefonata gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema fejn gie rappurtat li mic-Cheers Bar (li jinsab l-isfel f'Manwel Dimech Street) kien gej l-istorbju. Il-Pulizija marret fuq il-post u sabet il-post maghluq. L-istess persuna ta` qabel rega' cempel u din id-darba qal li minn Nappa Bar kien gej l-istorbju tal-muzika. Il-Pulizja marru fuq il-post u regghu raw li n-Nappa Bar kien maghluq. Sussegwentement il-Pulizija ghamlet l-investigazzjonijiet taghha u rizzultalha li l-persuna li kienet cemplet kien l-imputat, maghruf mal-Pulizija tal-Ghassa ta' Tas-Sliema ghan-numru ta' rapporti li jaghmel. Propju wara l-ewwel telefonata, l-persuna in kwistjoni ghajjar lill-WPC186 (li rceviet it-telefonata) bil-kliem "ja hmieg u zibel". Wara dan kollu l-pulizija marret ghand l-imputat li joqghod qrib l-ghassa u cioe` f'128, Triq Manwel

Dimech, Sliema w infurmawh li kienu se jinhargu l-akkuzi kontra tieghu ghat-telefonati li kienu saru u talli ghajjar lil WPC186. Qalulu li ma kienx hemm bzonn imur l-Ghassa.

Izda ftit wara l-imputat mar l-ghassa u kien hemhekk fejn l-affarijiet ipprecipitaw. Kellu f'idejh umbrella bil-ponta tal-hadid u xejjirha f'wicc WPC186. PC 1188 hataflu l-umbrella minn idejh, ipprova jikkontrollah, izda l-imputat imbotta lil PC1188 u mbaghad l-imputat zamm lil PC1188 bil-minkeb. F'dan il-hin PC336 u PC243 gibdu lill-imputat minn fuq PC1188. Minkejja li ikkalma xi ftit, malli sema' li kienu ser igibulu t-tabib rega rvella u habat ghall-PC336 u sabbtu mal-bieb tal-injam bil-hgieg. L-imputat beda jxejjer idejh. Dan kollu waqt hafna diskors fis-sens li ahjar johroglu d-demm halli kulhadd jahseb li l-pulizija jkunu sawwtuh bhaz-zminijiet tas-snin tmenin. L-imputat beda wkoll icarrat il-flokk. L-atteggjament tieghu kien ftit isteriku. Lill-pulizija kemm il-darba qalilhom il-kliem "inreddahhulkom u nnezzalkom l-uniformi".

Mic-certifikati medici li jinsabu a folios 27, 28 u 29 jirrizulta li waqt dan l-incident, PC 1188, PC 336 u PC 243 wegghu hafif. Kif del resto weggha hafif l-imputat. Skond il-pulizija, il-forza uzata kienet dik minima, kemm biex ma jwegghux huma u kemm sabiex jevitaw lill-imputat milli jweggha lilu nniffsu.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet migjuba, l-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda lil WPC 186, PC 1188, PC 243, PC 336 u WPS 215, u bhala provi dokumentarji gabet il-PIRS report, u c-certifikati medici.

Dan hu principalment ix-xenarju tal-kaz kif progettat mill-prosekuzzjoni.

Minn naha tieghu l-imputat jixhed fis-seduta tas-26 ta` Novembru 2013. Jilmenta li hu ma jsibx xi koperazzjoni kbira mill-Pulizija meta jaghmel ir-rapporti dwar storbju. Ghal dak li jirrigwarda nhar it-18 ta' Novembru 2011, huwa jikkonferma li cempel bil-mobile tieghu biex jirraporta xi hwienet li kienu ghadhom miftuhin wara s-1:00am. Jikkonferma li marru jhabbtulu l-bieb b'mod aggressiv; li mbaghad mar l-ghassa bl-umbrella ghax kienet ix-xita, u minnufih is-surgenta qaltlu biex ma jcempilx izjed u kien dan il-hin li l-Pulizija kollha hebbew

ghalih. Jghid li tawh xebgha. Jichad li semma zmien it-tmeninijiet, izda jikkonferma li beda jghid biex igibu lil tal-gazzetti.

Xehdet ukoll mart l-imputat li f’numru ta’ dettalji tikkonferma l-verzjoni ta’ zewgha, anke jekk ix-xhieda taghha hija limitata biss ghall-dawk il-mumenti li fihom hi kienet prezenti.

Xehed Dr. Mario Scerri, li kien nominat mill-Qorti biex jezamina lill-imputat nhar it-18 ta’ Novembru 2011. Huwa pprezenta wkoll ir-rapport tieghu fejn fih jikkonkludi kategorikament li l-feriti li ra fuq l-imputat ma kienux kompatibbli ma swat.

**Ikkunsidrat;**

Illi wara li qieset dettaljatament ir-rizultanzi processwali, din il-Qorti hi tal-fehema li l-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni hija dik li l-aktar ghandha mis-sewwa. Din il-Qorti hadet l-impressjoni li l-atteggjament ta` l-imputat kien xi ftit raxxibbli u aktar kien mohhu biex jaghmilha tal-*vigilantes*. Dan l-atteggjament da parti ta` l-imputat jidher li beda jurta lill-Pulizija mhux hazin; minn naha tieghu, l-imputat beda juri sintomi ta` persuna li qed tiffissa u beda jsir paranoiku. It-tahlita ta’ dawn l-ingredjenti wasslet sabiex isehh l-incident ta’ nhar it-18 ta’ Novembru 2011.

Gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat ghamel rezistenza b’hebb fuq membri tal-Pulizija waqt li kienu fuq xogholhom; f’liema hebb hu kkanguna feriti hfief fuq l-istess membri tal-Pulizija. L-imputat fixkel lill-pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom gewwa l-ghassa tal-Pulizija. Kemm qabel ma mar l-ghassa u anke waqt li kien fl-ghassa, l-imputat uza kliem, fil-konfront generali tal-Pulizija, li permezz tieghu naqqas il-gieh tal-Pulizija u weggaghhom.

Dan kollu gab lill-imputat passabbli ghar-reati addebitati fil-paragrafi (2),(3),(4) u (7). Dawn ir-reati gew sodisfacentement ippruvati. Mhux l-istess jista jinghad ghall-imputazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (1), (5), (6) u (8) – ghall-kuntrarju, dawn ma gewx ippruvati skond il-ligi.

**Ikkunsidrat;**

Dwar il-piena, l-Qorti qieset il-Fedina Penali ta` l-imputat li hija netta, l-entuzjazmu zejjed ta` l-imputat fir-rapporti tieghu, il-frustrazzjoni li dan kollu seta nissel f'mohh il-pulizija li huma inondati bix-xoghol, l-atteggjament nervuz u erratiku ta` l-imputat meta mar l-ghassa, fost konsiderazzjonijiet ohra. Li hu zgur hu li l-imputat, bl-attegjament xejn felici tieghu, ipprecipita sitwazzjoni li setghet giet evitata kieku hu kien ftit aktar ghaqli u tolleranti.

**Konkluzjoni;**

**Ghall-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-artikoli 251B, 96, 214, 215, 221(1), 222, 338(ee), 338(dd), 101, 252 u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel, tal-hames, tas-sitt u tat-tmien imputazzjonijiet u minnhom tilliberah skond il-ligi.  Issibu pero` hati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba, u tas-seba imputazzjonijiet, u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-istess Artikolu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghall-perjodu ta' sentejn mill-llum.

Il-Qorti fissret lil John Farrugia bi kliem li jinftiehem, il-konsegwenzi legali ta' din is-sanzjoni imposta fuqu.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------